MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 396/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**

**V**

*–omissis-*

**Seduta ta' llum, 20 ta' Marzu 2006**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat -***omissis-*** originarjament gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Haz Zabbar f'Mejju 1998, u fis-sebgha snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(a) B'ghemil zieni kkorrompa lil *–omissis-* ta' tnax il-sena u *–omissis-* ta' erbatax il-sena;

(b) Talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda f'Haz Zabbar matul dawn l-ahhar snin, kkommetta bi vjolenza stupru fuq il-persuni ta’ *–omissis-* ta' tnax il-sena u *–omissis-* ta' erbatax il-sena;
(c) Talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'Mejju 1998, u fis-sebgha snin ta' qabel, ikkommetta diversi attentati vjolenti ghall-pudur fuq il-persuni ta' *–omissis-*, t-tnejn minorenni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom u b'mod partikolari l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-disgha ta' Frar 2001 esibiti fl-atti a fol 310, fejn l-istess Avukat Generali ghogbu ma jakkuzax lil impuat bl-akkuza ta’ stupru.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-dsatax ta' Frar 2001 a fol 311 tal-atti odjerni.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil impuat jidhed minn jeddu b’mod voluntarju u lix-xhieda tad-Difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Frar 2006.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet ippresentati fl-atti u b’mod partikolari dik estensiva tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio**

**Schembri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936***].

Ghalhekk din il-Qorti bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992***].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero mhux kull ickem dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjiegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet ***Teper v The Queen [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn huwa veru li dan il-kaz beda qabel l-ghaxra ta’ Gunju 1998 izda gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Ottubru 2002 u ghalhekk hafna mix-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta kellhom jerghu jiddeponu quddiem din il-Qorti kif preseduta stante n-natura tal-kaz, dan nonostante fit-tlieta ta’ Dicembru 2003, il-Prosekuzzjoni kienet iddikjaraat li ma kelliex aktar provi u l-kawza kienet ilha tigi differita ghalprovi tad-difiza mit-tlettax ta’ Jannar 2004 minn seduta ghal ohra.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1998 xehdet** – *omissis-* kif jirrizulta a fol 29 et seq tal-atti fejn qalet li hija kellha tnax il-sena u wara li l-Qorti spjiegat t-tifsira tal-gurament taghha hija bdiet tiddeponi. Hija spjiegat li hija kellha hames snin meta giet tghix Malta. Qalet li darba minnhom hija fethet qalbha mal-qassis tal-iskola certu Father Joe, u qaltlu li missierha kien jaghmel s-sess maghha u fuq suggeriment ta' Father Joe kienet marret u tkellmet mal-Guidance Teacher certa Miss Bellizzi dwar il-problema li kellha u qaltilha li r-relazzjoni sesswali kienet bdiet meta kien ghad kellha hames snin u ghalhekk r-relazzjoni damet ghaddejja s-snin. Spjiegat kif kien imissilha l-parlti privati taghha u sidirha u kif sahansitra kien anke jimtedd fuqha u jmiss il-parti genitali tieghu ma taghha u jilghaqilha l-parti privati taghha u jghamlilha redgha f'sidirha u dan kwazi kuljum. Dawn l-affarijiet kienu isru jew fil-kamra tas-sodda jew fis-salott u kien jghalaq il-bieb bic-cavetta. Spjiegat li meta kienu jsiru dawn l-affarijiet ommha gieli kienet tkun d-dar ma ohtha u gieli le.

Iddeskriviet x'kien jaghmel u cioe li kien l-ewwel jinza w imbaghad jnezzgha lilha u jpoggi l-parti genitali tieghu go taghha u wara li jlesti, jghidilha l-kliem "I love you" u

"Thank you". Mistoqsija jekk kienetx taf li missierha jaghmel l-istess ma ohtha *–omissis-* , hija wiegbet fl-affermattiv u qalet li darba minnhom telghet fuq u rat lil missierha jaghmel s-sess ma ohtha. Ix-xhud kompliet tghid kif missierha kien jbusha fuq xofftejha u fuq il-parti privati taghha u li kien juza l-kontracettivi waqt is-sess u cioe waqt li jkollu x'jaqsam maghha u jigbor l-isperma go fiha. Qalet li kien juza subajh billi jpoggih fil-parti taghha u dan qabel ma kien jpoggi parti mill-organu gentiali tieghu.

Mistoqsija jekk tkellmitx ma ohtha *–omissis-* dwar dan, ix-xhud wiegbet li tkellmet maghha wara li fethet qalbha mas-Social Worker Wayne. Qalet wkoll li hija qatt ma riedet li jkollha x'taqsam mieghu pero meta kienet tirrifjuta, kien jissupervja u gieli sahansitra sawwatha wkoll fuq wiccha jew rasha.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Lulju 2000 regghet xehdet** *–omissis-* kif jirrizulta a fol 253 et seq tal-atti fejn ikkonfermat li kienet ilha tigi abbuzata sebgha snin shah w ikkonfermat li l-abbuz beda mill-ewwel, meta giet mir-Rumanija ta' hames snin u nofs u rrepetiet dak kollu li kienet stqarret sentejn qabel lis-Social Worker bl-istess dettalji u deskrizzjoni.

Illi **nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 regghet xehdet ghal darb'ohra** *–omissis-* kif jirrizulta a fol 337 et seq tal-atti pero quddiem din il-Qorti kif preseduta u dan sar fuq domanda tal-Qorti stess sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tapprezza ix-xhud tixhed viva voce u torbot dak li qalet tul id-diversi okkazzjonijiet li xehdet biex b'hekk tkun tista tara l-konsistenza o meno taghha u taghmel l-apprezzament kif rikjest mill-artikolu 657 tal-Kap 9.

Dakinhar tat-tlieta ta' Dicembru 2003 ix-xhud *–omissis-* xehdet u spjiegat li dakinhar kellha tmintax il-sena u wara li giet moqrija ix-xhieda li kienet tat quddiem Qorti ohra diversament preseduta precedentement, hija kkonfermatha fl-intier taghha. Qalet li meta giet mehuda minn dar ommha ghamlet xi zmien tghix f'Istitut f'Haz Zabbar u wara fl-Istitut Fejda.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1998 xehdet** – *omissis-* kif jirrizulta a fol 53 et seq tal-atti fejn qalet li hija kellha erbatax il-sena pero taf x'hinu l-gurament u dan wara li l-Qorti spjiegatilha l-import tieghu. Qalet li kienet ilha tghix hawn Malta ghal perjodu ta' sebgha snin wara li kienet giet addottata flimkien ma ohtha *–omissis-* mir-Rumanija. Spjiegat li hija giet Malta ta' sebgha snin filwaqt li ohtha kellha biss hames snin. Minn mindu giet Malta, dejjem ghexet mal-imputat missierha addottiv u ommha addottiva Josephine.

Qalet li missierha kien qed jabbuza minnha b'mod sesswali u dan minn mindu kellha sebgha snin u cioe minn meta waslet hawn Malta. Qalet li huwa kien jmissilha sidirha u l-parti genitali taghha. Qalet li kien wkoll jmiss il-parti genitali tieghu ma taghha u dan kwazi kuljum. Kien jbusilha sidirha u l-parti privati taghha u dan wara li jnezzghalha l-hwejjeg. Spjegat li kienu jghamlu s-sess mal-art fis-salott, hija taht u missierha fuqha u li kien huwa li jilbes l-kontracettivi meta kien jdahhal l-organu sesswali tieghu go fiha. Kien jghidilha li lilha biss jmiss [vide fol 67]. Kien jgieghla taghmel s-sess orali mieghu u li kienet wkoll taghmel s-sess mieghu kuljum [vide fol 120]. Qalet li dawn l-affarijiet kienu jigru fil-kamra tas-sodda jew fil-kamra taghha. Spjiegat li s-salott kellu bieb tal-injam u missierha kien jghalqu. Meta hija kienet tirrifjutah, kien jsawwatha fuq wiccha u fuq rasha sabiex ma titkellimx u kien jghidilha li jekk titkellem rasha ma tarahiex.

Mistoqsija tispjiega f'aktar dettal x'kien jaghmel ix-xhud qalet li waqt is-sess, l-imputat kien jegakola, huwa kien joqghod jaghmel hafna hsejjes h'halqu. Stqarret li darba minnhom hasbet li missierha kien taqqalha u kien gie t-tabib Doctor Camilleri u hadilha xi specimen tal-awrina pero r-rizultat kien wiehed negattiv. Qalet li darba minnhom anke rat lil missierha jmiss sider ohtha fis-salott fuq is-sufan hdejn it-television pero ma qalilha xejn. Mistoqsija jekk qattx tkellmet dwar dak li kien qed jigri ix-xhud wiegbet fin-negattiv ghaliex qalet li kienet tibza pero darba minnhom, tkellmet ohtha mal-Guidance Teacher imbaghad mas-Social Worker u meta dawn marru

jkellmuha, hasset li kellha tghidilhom kollox ghaliex fdat fihom.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Lulju 2000 regghet xehdet** – *omissis-* kif jirrizulta a fol 268 et seq tal-atti u dan quddiem din il-Qorti kif preseduta fejn ikkonfermat ix-xhieda taghha kollha precedenti u kkonfermat li dak li qalet dwar l-abbuza li kien isir minn missierha kien minnu. Hija kkonfermat wkoll dak kollu li rrelatat darb'ohra nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1998 xehed Wayne Caruana** kif jirrizulta a fol 102 et seq tal-atti fejn qal li huwa sar jaf b'dan il-kaz tramite telefonata li saret mill-Kap tal-iskola Sekondarja ta' Bormla meta qalulu li kien hemm kaz ta' abbuz sesswali. Qal li huwa mar l-iskola biex jitkellem ma din t-tifla li rrizulta li kienet –*omissis-* Huwa kellimha fil-presenza tal-Guidance Teacher Miss Marthese Bellizzi u din qaltlu li missierha kien qed jabbuza minnha sesswalment billi kien jmissha u jaghmel s-sess maghha.

Meta staqsiha kemm kienet ilha ghaddejja din l-istorja, –*omissis-* qal li qaltlu "*ghall-ewwel beda jbaghbas, imbaghad beda jaghmel s-sess mieghi.*" Qaltlu li xtaqet titlaq mid-dar ghaliex kienet tibza minn missierha. Wara xi jum il-Kap tal-iskola cempillu u qallu li oht –*omissis-* , –*omissis-* riedet tkellmu u meta mar jkellimha din qaltlu li misserha kien qed jaghmel s-sess maghha u jabbuza minnha. Huwa ghalhekk irrediga rapport li jinsab esibit fl-atti markat bhala dokument WX u a bazi tieghi nharget interim order mill-Ministru tas-Servizzi Socjali sabiex iz-zewgt ibniet jittiehdu mill-kura tal-genituri taghhom.

Dan nonostante pero il-genituri ma wrewx opposizzjoni sabiex t-tfal jitilqu mid-dar u ghalheklk ghamel arrangamenti sabiex jittiehdu f'Istitut tat-tfal tas-Sorijiet f'Haz Zabbar. Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem wkoll mal-imputat u dan ghall-ewwel innega dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu, izda wara **ex admissis** jghid "**<u>Iva messejthom imbaghad huma gew hdejja huma u qabzu fuqi. Huma gew jbusuni fuq s-sodda</u>**." Dan ix-xhud kompla jghid li hu kompla jistaqsi lil missierhom

meta gara dan u l-imputat qallu li beda jmisshom ftit wara li kienu gew mir-Rumanija. Meta gie mistoqsi dwar l-att taz-zwieg, ghall-ewwel innega li ghamel hekk izda wara accetta u qal li jiftakar almenu zewg okkazzjonijiet ta' penetrazzjoni tal-poene maz-zewgt ibniet tieghu. Irrelata li okkazzjoni partikolari meta *–omissis-* kellha hdax il-sena u *–omissis-* kellha disgha snin, izda qallu li "*huma qabzu fuqi*" [fol 107] u li bintu z-zghira *–omissis-* kienet hi li ddiregiet il-poene tieghu fil-parti privata taghha. Dan ix-xhud kompla jghid li mart l-imputat kienet ammettiet mieghu li kienet gabet lit-tabib tal-familja d-dar ghaliex zewgha kien ammetta maghha li bintu setghet kienet tqila minnu u ghalhekk il-period taghha kien ghadu ma giehiex.

Illi **nhar s-sitta ta' Lulju 1998 xehdet l-Ispettur Sharon Tanti** kif jirrizulta a fol 130 et seq tal-atti fejn qalet li fl-erbgha ta' Gunju 1998 il-Pulizija tal-iskwadra taghha, kienu assistew lis-Social Worker sabiex tigi esegwita care order jew jinhargu t-tfal minn go dar ommhom. Dawn kienu *–omissis-* u *–omissis-* u dawn inhargu minhabba allegazzjoni t'abbuz sesswali minn naha ta' missierhom addottiv. Hija tkellmet mat-tfal minuri u t-tnejn qalulha li missierhom kien jabbuza minnhom.

Spjegat li tkellmet mal-omm u li l-omm ftakret fl'okkazzjoni li gabet lit-tabib tal-familja d-dar ghaliex t-tifla waqfilha l-period u missierha kien talab li jigi t-tabib ghaliex bezgha li kienet tqila ghaliex kien iccajta maghha fil-kamra tal-banju u kien qed jibza li harigha tqila huwa stess. Qaltilha wkoll li uliedha kienu shan u li kienu jittantaw lil missierhom u jissuggerulu biex jidhol fis-sodda maghhom u jmisshom.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 xehdet Doctor Carmen Portelli** kif jirrizulta a fol 209 et seq tal-atti fejn qalet li hija kienet tokkupa l-kariga ta' Registrar fid-Dipartiment tal-Obstretrics & Gynaecology fl-isptar San Luqa u li hi kienet ezaminat liz-zewgt ahwa *–omissis-* u *–omissis-* nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju 1998. Dwar *–omissis-* din ix-xhud qalet li kellha marka blu, vjola daqs zewg centimetri fuq in-naha tal-lemin tal-*blaebium minor* li tista tindika li t-tifla giet abbuzat bis-swaba [vide fol 210] filwaqt li *–omissis-* kellha l-orifice tal-vagina kienet xi ftit

imwessgha u dan jindika li setgha kien hemm tbaghbis b'xi swaba. Ma kienetx imcarrta izda wiesgha aktar minn normal. Ix-xhud kompliet tixhed li waqt l-ezami *–omissis-* kellha tnax il-sena u *–omissis-* kellha erbatax il-sena.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Jannar 2000 xehed Dottor Noel Camilleri,** li huwa t-tabib fal-familja u dan kif jirrizulta a fol 220 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien ezamina lil *–omissis-* meta kellha tnax il-sena u kien mar biex jezaminalha zaqqha ghaliex kellha xi ugiegh u wara ghamlilha pregnancy test. Mistoqsi jekk ghamilx ezami tal-parti privata taghha ix-xhud wiegeb li ma setghax jiftakar. Mistoqsi jekk kellimx lit-tifla wahedha ix-xhud wiegeb fl-affermattiv pero qal li ma jiftakarx li rrispondietu ghad-domanda jekk xi hadd kienx messha jew le. Qal pero li jiftakar li wessa lilha u lil genituri taghha sabiex ma thalli lil hadd jmissilha il-parti genitali taghha.

Illi **nhar d-disgha ta' Marzu 2000 xehdet Marthese Bellizzi** kif jirrizulta a fol 235 et seq tal-atti fejn qalet li hija l-Guidance Teacher tal-iskola Erin Seracino Inglott ta' Bormla u qalet li fis-sebgha jew d-disgha ta' Mejju 1998, jum il-Hamis, kienet avvicinatha *–omissis-* u qaltilha li missierha kien qed jdejjaqha u bdiet tibki. Minnufih cempet lil SWDP u gie certu Wayne Caruana li huwa Social Worker jkellimha fil-presenza taghha. Qaltilha li kienet tkellmet ma certu Father Joe u li kien hu li ssuggerilha li tmur tkellem lilha.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Mejju 2000 xehed r-Reverendu Joe Grech** kif jirrizulta a fol 244 et seq tal-atti fejn qal li *–omissis-* kienet marret tkellmu mhux fi qrar u qaltlu li missierha kien ittantaha. Hija kienet misthija hafna u ma kienetx taf kif ser titkellem. Wara li semghaha tghid hekk qalilha jekk xtaqitx tohrog minn din il-problema u hija wiegbitu fl-affermattiv. Reggha ltaqa maghha f'okkazzjoni ohra u heggigha titkellem mal-Guidance Teacher. Qaltlu li misseriha kien ilu jittantaha minn mindu waslet hawn Malta mir-Rumanija u kien ghad kellha eta zghira. Dan id-diskors sar ghall-habta tar-Randan xi Marzu jew April tas-sena 1998. Qaltlu li kien jmissha, jittantaha u gieli anke

jnezzaghha waqt li kienet tkun d-dar tara t-television. Qaltlu wkoll li missierha kien jmiss lil ohtha.

Illi **nhar t-tmintax ta' Frar 2004 xehed l-imputat** kif jirrizulta a fol 344 et seq tal-atti fejn cahad dak kollu li gie allegat fil-konfront tieghu. Ikkonferma li veru kien addotthom mir-Rumanija u li kienu jghixu fil-faqar fir-Rumanija. Spjiega li fid-dar kien jghix missieru maghhom u li t-tfal ma kienx jehodhom wahedhom, dejjem fil-kumpanija ta' xulxin. Huwa jghid li r-relazzjoni tieghu ma wliedu kienet wahda normali ta' missier. Qal li sitt snin ilu kellu cancer fil-musrana u ghalhekk kien ma jiflahx sewwa. Huwa fl-ebda hin pero ma jghamel referenza ghal dak li qal Wayne Caruana fuqu u cioe li ammetta mieghu l-allegazzjonijiet ta' wliedu, jew li jichad din l-istess allegazzjoni.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 xehdet mart l-imputat u cioe Josephine** kif jirrizulta a fol 357 et seq tal-atti fejn qalet li hija ma kienet taf b'xejn minn dak li allegaw uliedha. Qalet li kienet tarhom kuntenti d-dar u li kienet izzommhom fuq l-idejn. Ikkonfermat li hija qatt ma rat lil zewgha l-imputat ma wliedhom jaghmel xi haga li mhux suppost u li dejjem kienu johorgu ma misserihom bil-qalb. Cahdet li qatt kien hemm xi diskors ma zewgha fuq xi tqala ta' wahda mit-tfal, u dan nonostante dak li jghidu Doctor Noel Camilleri u l-istess ulied minuri.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed Doctor Dennis Gatt** kif jirrizulta a fol 365 et seq tal-atti fejn ikkonferma li l-imputat kien gie operat minnu fis-sena 1997 ghaliex kellu cancer fil-musrana u minhabba din il-marda l-imputat kien mitluq u ghajjien peress li jkun anemiku.

Illi nhar s-sitta ta’ Settembru 2004, id-Difiza keient talbet li jsir access fir-residenza tal-imputat u l-Qorti laqghet tali talba u nhar d-disgha ta’ Settembru 2004, zammet access fir-residenza tal-imputat fi *–omissis-* . Hemmhekk il-Qorti giet murija r-residenza tal-imputat u jirrizulta li verament dak li qalu l-minuri li bejn il-kcina w is-salott kien hemm speci ta’ bitha u li l-kcina hija mdaqqsa. Irrizulta wkoll li l-

kamra tas-sodda tat-tfal kienet ma gemb kamra tas-sodda ohra.

Illi bir-rispett kollu pero il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza li minhabba c-cokon u l-istil tad-dar li hija, l-imputat ma setghax jaghmel dak li gie akkuzat bih, molto piu meta tqis dak li qalet martu fl-investigazzjoni lis-social worker, li effettivament jindika li kienet tghatti kollox lil zewgha.

Illi permezz ta’ digriet datat sitta ta’ Settembru 2004, fuq talba tad-difiza, il-Qorti nnominat lil Miriam Sevasta sabiex thejji social inquiry report dwar l-imputat u lil Dottor Anna Cassar bhala psikologa.

Illi nhar d-dsatax ta’ Ottubru 2004, dehret **s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta** li ppresentat u halfet r-rapport taghha li gie mmarkata bhala dokument MS [fol 379]. Minn ezami ta’ dan r-rapport jirrizulta li l-imputat kien cahad maghha l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tieghu minn uliedu addottivi u li minn meta l-ulied minuri gew addottati, l-koppja *–omissis-* gew rinfaccjata b’diversi problemi tant li l-familjari taghhom wkoll qatghu kull kuntatt maghhom meta saru jafu b’din l-allegazzjoni. Minn naha l-ohra, tghid li l-vittmi u cioe l-minuri *–omissis-* u *–omissis-* jghidu li qatt ma bassru x’kien qed jistennihom hawn Malta ghax hasbu li hawn kienu ser isibu l-imhabba u l-ghozza izda minflok spiccaw ghaddew minn esperjenza tal-biza li ghalkemm ghaddew s-snin, huma kienu ghadhom qed jhossu l-effett ta’dak li ghaddew minnu. Irrizultalha wkoll li l-minuri *–omissis-* fethu qalbhom ma terzi ghax ma felhux jghaddu aktar minn dik t-tbatija u kienu dawn in-nies professjonisti li ghenuhom jtaffu ftit mit-trawma taghhom.

Fuq talba tal-psikologa Doctor Anna Cassar il-Qorti nnominat lil Psikjatra Doctor Joseph Cassar b’digriet taghha tad-disgha ta’ Settembru 2004 [fol 371] sabiex jezamina lil minuri peress li l-istess psikologa Doctor Anna Cassar kellha konflitt w ghalhekk il-Qorti ezentatha mill-inkarigu taghha. Illi Doctor Joseph Cassar kien talab li jigi assistit minn psikologa u l-Qorti nnominat lil Doctor Dorothy Scicluan b’digriet taghha tat-tmienja ta’ Ottubru

2004, sabiex tassisti lil Doctor Joseph Cassar f'ezami kliniku konsistenti f'testijiet psikologici.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2005 deher **l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar** li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 401]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li mill-ezamijiet psikjatrici u psikologici jidher li ma hemmx evidenza li *–omissis-* u *–omissis-* jbatu minn kundizzjonijiet fil-personalita li tindika li huma '*pathological liars*'. Kemm *–omissis-* kif wkoll *–omissis-* jbatu minn sitwazzjoni psikologika ta' dipressjoni u anke '*avoident*'. *–omissis-* wkoll tbati minn ansja u livell dipressiv aktar sever minn *–omissis-* ghal livell li jwassal ghal-*post traumatic stress disorder*. Mill-ezami psikologiku u psikjatriku ta' l-imputat ma hemmx evidenza cara li huwa biz-zgur seta' abbuza mit-tfal [dak iz-zmien minuri] *–omissis-* u *–omissis-* . Wiehed pero irid jikkunsidra li hemm tratti skizojdi u dipendenti li skond r-ricerka ndikata fir-rapport tal-psikologa, jistghu jkunu ndikattivi imma mhux konklussivi li seta' abbuza sesswalment mill-minuri.

Meta rega' xehed l-Qorti nhar t-tmintax ta' Lulju 2005 **l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar** [fol 422] qal li hu wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu flimkien ma Dottor Dorothy Scicluna. Qal li ma kienx hemm evidenza cara li l-imputat setgha biz-zgur jabbuza. Qal li l-konkluzzjoni tieghu kellha tkun bazata mhux fuq probabilita izda *beyond reasonable doubt* w ghalhekk a bazi ta' *beyond reasonable doubt*, ma kienx hemm dik l-evidenza. Qal li peress li l-kaz kien ilu pendenti, l-affarijiet inbidlu fis-sens li meta t-tfal ghamlu l-allegazzjonijiet kienu ghadhom tfal w illum huma maggorenni. Qal li l-ezami psijatriku u psikologiku fuq t-tfajliet sar fis-sena 2004. Qal li meta qalu li t-tfal ma humiex *pathological liars* ried jfisser ghal ezami li kien sar recenti u mhux dak li qalu zmien qabel. Qal li meta t-tfal jikbru, jinbidlu. Meta gie muri ittra dokument Z1, ix-xhud qal li dik l-ittra allegatament giet miktuba minn *–omissis-* fis-sena 1998 meta kellha bejn erbatax u hmistax il-sena u fiha jfisser li din jista jkun li thoss xi affarijiet emozzjonali lejn l-persuna li lilha ndirizzata l-ittra u mhux rari li f'dik l-eta tfajliet ikollhom

idolu u jista jkun li dik il-persuna, f'dan il-kaz Mario, kien l-idolu taghha u meta jkollok idolu, tasal biex tigdeb fuqu kif wkoll fuq haddiehor. Qal li meta jkollox missier li jissikka lit-tfal jista jkollok diversi reazzjonijiet mit-tfal, jew imorru kontra tieghu, isiru ribelluzi u jaghmlu affarijiet biex iniggzuh u jwegghuh, jew ikunu passivi u jzommu kollox fihom u ghalhekk tohrog dipressjoni jew biex jirribellaw jibdew jiehdu d-drogi.

Meta rega' xehed l-Qorti nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005 **l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar** [fol 458] fejn mistoqsi jekk hux probabbli li meta jkollok missier li jzomm lit-tfajliet tieghu milli jmorru ghand l-idolu taghhom, dawn jaslu biex jigdbu fuq missierhom ix-xhud wiegeb li huwa possibbli. Qal li hu difficili tghid jekk hux probabbli. Qal li kien minnu li hu ma kienx maghhom meta ghamlu l-istqarrijiet taghhom snin ilu u li ma jistax jikkonkludi li huma *pathological liars*. Qal li min hu *pathological liar* normalment ma jfissirx li jigdeb l-hin kollu u tkun qed tigdeb ghal raguni partikolari. Mistoqsi jekk tfal li jsibu ruhhom flimkien, jistghux jikkreraw storja ix-xhud wiegeb li tfal dejjem jiggangjaw flimkien u jistghu jkunu soggetti ghal autosogestjoni mill-idolu taghhom u jimpressjonaw ruhhom fis-sens li dak li ma jkunx realta, igibuh bhala tali.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2005 dehret **l-Psikologa Dottor Dorothy Scicluna** li ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument DS [fol 411]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li Doctor Dorothy Scicluna ezaminat lil vittmi bil-ghan li tistabilixxi jekk humiex *pathological liars* kif issuggerixxa l-avukat difensur kif wkoll l-imputat. Irrizulta mit-testijiet medici u xjentifici mizmuma minnha li *–omissis-* kieent qed issofri emozjonalment minhabba din il-kawza li ilha ghaddejja minn minu kellha tnax il-sena u li fil-present qed timmanifesta sintomi depressivi. Jirrizulta wkoll li *–omissis-* issofri minn disturbi ta' personalita li eventwalment flimkien ma stil t'imgieba negattivistika u dan bhala konsegwenza tat-trawmi fil-hajja li ghaddiet minnhom u fil-fatt hija trawmatizzata minn xi episodji li garrbet fil-passat.

Irrizulta wkoll mit-testijiet xjentifici mizmuma minn din l-espert, li *–omissis-* , meta giet ezaminat fis-sena 2004, kellha wiehed w ghoxrin sena u kienet turi sintomi depressivi kostantament presenti, ghandha stil t'imgieba negattiva u mazokistika. Skond r-reicerka mimzmuma minnha, dan l-istil ta' personalita setgha kien dovut ghal episodji ta' vittimizzazzjoni jew abbuz.

Illi l-vittmi gew ezaminati mill-Psikologa minhabba l-allegazzjoni li kien qed jaghmel l-avukat difensur fil-konfront taghhom li huma *pathological liars* u li fil-fatt iffabbrikaw din l-istorja. Il-Qorti ghalhekk riedet taccerta ruhha lii l-vittmi m'ghandhom ebda paroblema fil-personalita taghhom li ggieghluhom jigdbu aktar milli tesisti l-possibilita fi tfal normali.

Illi din il-Qorti, b'digriet taghha tat-tmienja ta' Ottubru 2004, kienet wkoll nnominat lil Psikologa sabiex tirrelata fuq l-istruttura tal-personalita tal-imputat u dan fuq talba tal-istess avukat difensur. Illi din l-espert ikkonkludiet li l-imputat ghandu tratti ta' stil ta' personalita ta' natura skizojda u dipendenti.

Meta regghet xehdet nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 dehret **l-Psikologa Dottor Dorothy Scicluna** [fol 451] hija kkonfermat l-konkluzzjonijiet taghha maghmula flimkien ma Dottor Joseph Cassar fis-sens li ma hemmx evidenza li biz-zgur l-imputat abbuza minn uliedu w dan fuq bazi ta' *beyond reasonable doubt*. Qalet, b'referenza ghat-tfal jekk humiex *pathological liars,* li persuna li ma tkunx *pathological liar*, huwa difficili li maz-zmien issir hekk. Qalet li meta gew ezaminati t-tfal fl-eta li kienu dak iz-zmien, zgur li ma kienux w ghalhekk hu probabbili li lanqas qabel ma kienu.

Illi l-avukat difensur isostni fin-nota tieghu li l-provi medici f'dan l-kaz igiddeb lil vittmi minuri u dan ghaliex filwaqt li l-minuri *–omissis-* tghid li missierha kien jaghmel l-atti taz-zwieg maghha, Doctor Carmen Portelli fix-xhieda taghha tghid li "l-orifice tal-vagina *–omissis-* kienet xi ftit imwessgha u dan jindika li setgha kien hemm xi tbaghbis b'xi swaba."

L-Imhallef Scocciz **Judge Sheritt Marcus Stone** fil-ktieb tieghu ***Proof of fact in Criminal Trails*** [1984] "*takes a tour around the kind of expert evidence that might be supplied by medical persons and comes to a wholly negative conclusion about its value*" u jghid;

*"In the event there is nobody of specialised knowledge which can be brought to bear a question of credibility. In this situation, the view of the law, is the only one, which is possible. It is that decision about credibility can only be born by a* <u>*common sense*</u>*, ordinary human intuition, and practical judgement based on experiece of life. Nothing better has been shown to exist. The process is not vulnerable to the criteria that it is no scientific. Science has so far to be inadequate to the task."*

**J.R. Spencer and Rhona Flin** fil-ktieb taghhom ***The Evidence of Children*** [Blackstone press 1993 Edit. A fol 237, jghidu:

*"The absence of medical evidence cannt be taken as 'negative proof'. This is because many sexual offences against children leave no medical signs. Obviously, most of the less serious sexual offences against children are not of the nature to do so. Less obviously, even the more serious abuse, involving penetration of the vagina or the anus will sometimes leave no signs, either because so little physical damage was done, or because what there was had been healed before the medical examination. A report by the legal college of surgeons in 1991 says 'A substantive proportion of sexually abused children have no abnormal physical signs… it must be mentioned that there may be no physical findings in as many as two thousand seen to sexual abuse.'*

Issa f'dan il-kaz, fl-ezami mediku mizmum minn Doctor Spiteri jirrizulta li kien hemm sinjali t'abbuz fuq il-parti privata taghhom.

L-istess awturi **J.R. Spencer and Rhona Flin** jghidu f'dan r-rigward:

*“Further more, where medical sigsn are found that strongly suggest sexual abnuse has taken place, they will rarely do more than corroborate the childrens’ evidence about what was done and it will be unusual if they prove that such particular person did it…”*

Jikkonkludu billi jghidu:

*“Thus, despite advances in forensic science, the word of the child usually remains our most important source of information about what happened or what dit not.”*

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik proposta mill-minuri u sa certu punt korroborata b'evidenza cirkostanzjali u sa certu punt konfermata mill-imputat stess waqt l-investigazzjoni tal-puliziija u dik proposta mill-imputat fil-Qorti li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti hija f’posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet hafna mill-process tul medda ta’ zmien u hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma viva voce certu provi w ghalhekk kkontrollat il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezami taghha tax-xhieda ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9, billi evalwat l-imgieba w il-karattru ta' kull xhud li semghet hi u li ghamlet apprezzament taghhom ghal mod ta' kif x-xhieda wiegbu ghad-domandi li sarulhom quddiemha, ghal kull interess li setgha kellhom x-xhieda u b'hekk uzat l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex kienet f'posizzjoni li tikkontrolla il-kredibilita tax-xhieda, u hu appuntu minhabba li l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti li kellha taghmel dan l-apprezzament tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi mis-suespost il-Qorti ma thossx li ghandha tiddubita l-kredibilita tal-minuri meta xehdu l-Qorti. It-tfal, li ghalkemm kellhom eta tenera meta xehdu, kienu konsistenti f'dak li qalu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni. Kienu spontanji u dehru certi minn dak li ghaddew minnu, spjiegaw fid-dettal, b'mod individwali l-esperjenzi taghhom b'hafna dettal u dan f'diversi okkazzjonijiet u fi zminijiet differenti u fic-cirkostanzi il-Qorti ma thossx li dak li qalu gie krejat minnhom bhala immaginazzjoni kif suggerit mid-difiza, izda kienet relazzjoni ta' esperjenza li ghaddew minnha.

Illi t-tfal spjiegaw kif huma iddeciew li jitkellmu dwar l-esperjenza taghhom u cioe li l-ewwel *–omissis-* tkellmet

mal-qassis Father Joe, u wara, fuq suggeriment tieghu tkellmet mal-Guidance Teacher Miss Marthese Bellizzi, imbaghad fuq suggeriment taghha mas-Social Worker Wayne Caruana u kif sussegwentement spicca l-kaz l-Qorti. Illi n-nies li gew mitkellma mill-minuri wkoll ikkonfermaw dak kollu li l-minuri qalu li qalulhom f'kull dettal u ghalhekk meta l-Qorti tara konsistenza bhal din ta' tfal minuri, thoss li zgur ghaddew minn din l-esperjenza kerha u qaghdu jirrelataw dak li ghaddew minnu. Fl-ebda hin ma varjaw l-istorja taghhom, lanqas meta xehdu sitt snin wara, qatt ma ziedu. Anke l-istorja li rrakkonta t-tabib dwar t-test tat-tqala mehud minn Doctor Noel Camilleri rrizulta li kien veru. It-tabiba Doctor Carmen Portelli wkoll ikkonfermat li mill-ezami rediku li ghamlet lit-tfal sabet li dawn gew imbaghbsa.

Illi l-imputat ammetta mas-Social Worker Wayne Caruana l-allegazzjonijiet maghmula fil-kofnront tieghu u meta l-imputat xehed il-Qorti ma ghamel ebda referenza ghal tali xhieda tas-*social worker*. Mas-*Social Worker* l-imputat ammetta kull allegazzjoni li ghamlu wliedu fil-konfront tieghu pero qal li kienu wliedu li kienu jhajjruh u joqghodu fuqu. Haga tal-iskantament meta l-Ispettur Sharon Tanti tkellmet mal-mara tal-imputat Josephine –*omissis-* , din qaltilha li wliedha huma shan u li jistiednu lil zewgha l-imputat biex jaghmel s-sess u jaqbzu fis-sodda mieghu u li jmisshom pero meta xehdet il-Qorti, qatt ma qalet xejn minn dan, u kieku dan kien minnu, ghaliex ma talbitx l-ghajnuna biex tindirizza din il-problema!

Illi ghalhekk in vista tas-suespost l-Qorti trid tara jekk il-fatti kif ppruvati u emnuti minn din il-Qorti jammontawx ghar-reati moghtija fil-konfront tal-imputat odjern.

Dwar l-ewwel reat li bih gie akkuzat l-imputat mill-Avukat Generali, li hu dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 203 li jiddisponi 'li kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna ta' taht l-eta'. Is-sub artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe:

a. jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
c. jekk d-dlitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-issier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu ***Notes on Criminal Law***, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax il-sena;
2. l-element materjali tar-reat u cioe l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Huwa jghid li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime… In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been effected by these acts, for example because he or she was to some degree already deprived - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilment.*"

Kif gie enuncjat fis-sentenza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar 1975*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Portelli**, il-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq

mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Importantissimu fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li jghid l-awtur **Filippo Marci** fl-opera tieghu ***Reati Sessuali [Torino Fratelli Borca - Edit. 1927 - pg. 194]*** li f'dan id-delitt l-legislatur ried d-dannu effettiv, li ma jistax jigi presunt. Imma ghandu jigi ppruvat bhala fenomenu accettabbli u ghalhekk iddispona li l-attijiet ta' libidini jridu "jikkorrompu" u mhux semplicement li "jistghu jikkorrompu" kif kien jghid kieku dan kien il-hsieb u l-intenzjoni tieghu.

"*Ed e' nozione elementare*" jkompli jghid "*che a produrre il fenomeno non basta la causa, e la qualita e capacita di esso a produrlo ma e' necessario l'offerta che lo compliti e lo esamisca perche ci sia un danno della corruzione.*"

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referneza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** li tghid:

"*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*
*Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.*"

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccata b'eccess ta' atti libidinuzi li jaffettwaw l-aptit sesswali. Ma hemmx dubbju li sess orali maghmul fuq it-tfal, tbaghbis tal-parti privata

tat-tfal, u ejakulazzjoni fil-presenza tat-tfal, ilkoll jammontaw ghal atti *di libidine*. Illi l-fatt li dawn l-atti saru fuq medda ta' snin waqt li l-vittmi kienu ghadhom zghar u saru minn missier addottiv fuq uliedu, huma cirkostanzi li zgur jeffettwaw lil minuri fil-korruzzjoni taghhom. Illi l-agir tal-imputat huwa wiehed ta' stmerrija u kudannabbli bl-aktar severita u dan ghaliex t-trawma li hu ghadda lil dawn il-minuri ser tibqa maghhom tul hajjithom kollha. Illi t-tfal minuri li dehru innocenti fix-xhieda taghhom gew esposti ghal xeni disgustanti, immorali u xejn inqas skandaluzi. Illi din il-Qorti ma tistax ma tikkundannax dan l-agir barbaru w annimalesk tal-imputat ma zewgt itfal daqshekk zghar. Ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat jikkostitwixxi atti *di libidini* u li dawn saru fil-presenza u fuq il-persuna ta' ulied minuri ta' hames u sebgha snin wara li l-istess ulied minuri gew fdati lilu f'adozzjoni. Dawn l-atti ta' indicenza zgur li jnisslu "*senso di disagio, disgusto e repulsione*" [vide **Il-Pulizija v Raymond Caruana *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996.***] Ma hemmx dubbju li tfal ta l-eta tal-vittmi li gew esposti ghal ghemejjel tal-imputat fl-eta li kellhom ma jistghux ma jigux korrotti, molto piu meta tqis li ma kienux jafu certi affarijiet tal-hajja. Altru esperjenzi sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fisjologiku ta' dak li jkun hu altru imposizzjoni ta' sitwazzjoni, determinat ta' ghemil zieni, li manifestament jipproduci lezjoni fl-integrita morali tal-minorenni. Ma hemmx dubbju ghalhekk li dan hu reat ta' korruzzjoni, kif aggravat bl-artikolu 203 (a)(b)(c).

Dwar t-tieni reat addebitat lil imputat u cioe ta' attentat ghal pudur bi vjolenza kif kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kap il-Qorti rat li diga sabet lil imputat hati tal-akkuza kif naxxenti mill-artikolu 203(a)(b)(c) u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din t-tieni akkuza.

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat** -*omissis*- **<u>hati</u> tal-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat skond l-arltikolu 203(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza ta' attentat vjolenti fuq il-pudur.**

**Illi huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali nadifa salv ghal kontravenzjoni wahda registrata fis-sena 1963 w ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*, pero dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piu meta tqis li r-reati li taghhom qed ssibu hati huma reati li jkexkxu lis-socjeta bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.**

**Illi l-imputat fl-ebda stadju tal-procediment ma wera il-bzonn li jigi nvistat minn xi tabib psikjariku jew li jinghata xi kura medika u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tittrattah bhala imputat bil-facilitajiet mentali tieghu kollha tajbin.**

**Illi l-imputat sostna li huwa marid fizikament kif del resto gie kkonfermat mill-Kirurgu Doctor Dennis Gatt pero din ma hiex raguni l-ghala din il-Qorti ghandha tkun klementi mieghu, specjalment in vista tal-fatt li l-korruzzjoni damet ghaddejja fuq medda ta' snin.**

**Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tieghu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjeta li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tip ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkuzat, tipprotegi wkoll minuri li jigu abbuzati.**

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 203(a)(b)(c) u 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed ssib lil imputat** –*omissis*- **hati tal-ewwel akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat u tikkundannah ghal piena massima ta' prigunerija ta' sitt [6] snin u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni [2] akkuza.**

**Il-Qorti tinnota li l-Avukat Generali ma kkwotax l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta hu baghat l-artikoli nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2000 [fol 310] u cioe li r-reat kien wiehed kontinwu, ghalkemm jirrizulta li r-reat sehh fuq medda ta' snin w**

**ghalhekk il-Qorti ma setghetx izzid il-piena bi grad jew tnejn, f'liema kaz il-piena massima setghet tkun ta' tnax il-sena skond l-artikolu 31(1)(b)(iii) tal-istess Kap.**

**In oltre il-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub, l-ispejjes kollha li jammontaw ghal erbgha mija erbgha w erbghin lira maltin involuti fin-nomina ta' Dottor Ludvic Caruana [fol 167 et seq], fin-nomina tal-Psikjatra Doctor Joseph Cassar [fol 403 et seq] u fin-nomina ta' Doctor Dorothy Scicluna [fol 433 et seq] mill-Qorti tul il-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti tordna li l-isem u partikolaritajiet tal-imputat kif wkoll dawk tal-vittmi m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan fl-interess tal-istess minuri peress li l-imputat huwa missier l-vittmi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------